MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2014

Numru 920/2010

**Artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9,**

**Artikolu 21(1) u (2) tal-Kapitolu 446**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**JOHN MIZZI**

**EMANUEL DEGABRIELE**

**OMISSIS**

**JEAN PAUL SANT**

**CHRISTIAN MERCIECA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputati **JOHN MIZZI,** ta' 19-il sena iben Herman u Theresa nee' Hart, imwieled Pieta' nhar l-14 ta' Mejju, 1990 u residenti Block B, Flat 15, Triq ic-Cikas, Housing Estate, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 246090(M);

**EMANUEL DEGABRIELE** ta' 20 sena, iben Peter u Marianne nee' Camilleri, mwieled Pieta' nhar it-12 ta' Awissu 1989, u residenti Block 4, Flat 3, Triq Luigi Pisani, Kalkara detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 517289M;

**OMISSIS;**

**JEAN PAUL SANT** ta’ 17-il sena, iben Joseph u Theresa nee’ Hart, imwieled Pieta’ nhar id-29 ta’ Frar 1992, residenti 49, Morning Dew, Triq l-Ewwel ta’ Frar 1994, Zabbar detentur tal-karta ta’ identita’ bin-numru 129192M;

**CHRISTIAN MERCIECA**, 20 sena, iben Emanuel u Mary Grace nee’ Portelli, imwieled Pieta’ nhar l-24 ta’ Awissu 1989, residenti Binja L, Entratura C, Flat 6, Housing Estate, Zabbar detentur tal-karta ta’ identita’ bin-numru 440089M;

gew imressqa quddiemha u akkuzati talli b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe’:

Lil John Mizzi u Emanuel Degabriele wahedhom akkuzati talli xi hin fil-lejl ta’ bejn is-26 u s-27 ta’ Jannar 2010 minn gewwa Block B Triq ic-Cikas Zabbar ikkommettew serq ta’ rota mutur li l-valur taghha huwa ta’ aktar minn 232.94 Ewro izda ma jeccedix l-2,329.37 ewro, liema serq huwa ikkwalifikat, bil-mezz, bil-hin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ Alfred Fabri u/jew persuna/i ohra.

Lil Jean Paul Sant u Christian Mercieca wahedhom akkuzati talli bejn id-9 ta’ Awwissu 2008 ghal habta ta’ 13:30 hrs u l-11 ta’ Awissu 2008 ghall-habta ta’ 06:30hrs minn gewwa l-Educational School li tinsab gewwa Triq

il-Kitba, Fgura ikkommettew serq ta’ diversi oggetti li l-valur taghhom huwa ta’ aktar minn 2,329.37 ewro liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-valur u dan ghad-dannu ta’ Edwin Debono u/jew persuna/i ohra.

Lil Emanuel Degabriele wahdu akkuzat talli matul is-sajf tal-2009 minn gewwa Birzebbugia ikkommetta serq ta’ diversi oggetti minn go residenza bin-numru 124 li tinsab Triq il-Bajja is-Sabiha, Birzebbugia, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur li huwa aktar minn 232.94 ewro izda ma jeccedix l-2,329.37 ewro u dan ghad-dannu ta’ Mario Celeste u/jew persun/i ohra.

Lil John Mizzi wahdu akkuzat talli matul l-2008 jew l-2009 minn gewwa post mhux maghruf gewwa Triq is-Santwarju Zabbar ikkommetta serq ta’ bicycle tal-marka Haro u dan ghad-dannu ta’ persuna/i mhux maghrufa;

U aktar talli matul l-2008 jew l-2009 minn gewwa post mhux maghruf gewwa Triq Hompesch Zabbar ikkommettew serq ta’ battery u ta’ trakk liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta’ persuna/i mhux maghrufa;

U aktar talli matul l-2008 jew l-2009 minn gewwa l-Housing Estate Zabbar ikkommettew serq ta’ bicycle u dan ghad-dannu ta’ persuna/i mhux maghrufa.

Lil John Mizzi wahdu akkuzat talli matul ix-xahar ta' Ottubru 2009 f'xi hin bil-lejl minn gewwa s-Swieqi ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Majestic minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf u tal-marka Metro liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' persuna/i mhux maghrufa.

U aktar talli matul ix-xahar ta' Awissu 2009 f'xi hin bil-lejl minn gewwa l-Qawra ikkommetta serq ta' set speakers tal-marka Pioneer minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf u tal-marka Metro liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' persuna/i mhux maghrufa.

U aktar talli matul ix-xahar ta' Dicembru 2009 f'xi hin bil-lejl minn gewwa l-Fgura ikkommetta serq ta' stereo tal-marka Pionees minn gewwa vettura bin-numru tar-registrazzjoni mhux maghruf u tal-marka Ford Escort, liema serq huwa kkwalifikat bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa u dan ghad-dannu ta' persuna/i mhux maghrufa.

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi sar ricediv b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Saviour Demicoli datata 22 ta' Ottubru 2009, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta' probation order moghtija fil-konfront tieghu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. E. Grima LL.D, datata 30 ta' Lulju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Lil Jean Paul Sant wahdu akkuzat talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta’ probation order moghtija fil-konfront tieghu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. E. Grima LL.D, datata 30 ta’ Lulju 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Lil Emanuel Degabriele wahdu akkuzat talli fl-istess dati, hinijiet, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti ta’ probation order moghtija fil-konfront tieghu b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A. J. Vella LL.D, datata 16 ta’ Ottubru 2008, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, erba’ estratti mill-att tat-twelid tal-imputati, erba’ fedini penali tal-imputati, stqarrija ta’ Christian Mercieca, zewg okkorrenzi, dikjarazzjoni ta’ Rifjut ta’ Jedd ghal Parir Legali u tliet sentenzi.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet ta’ assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta’ April, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta fid-9 ta’ Gunju, 2014 u dakinhar l-imputati ma dehrux u l-kawza giet differita ghas-7 ta’ Lulju 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati kif registrata fil-prezenza tal-avukati difensuri taghhom waqt is-seduta tas-sebgha (07) ta’ Lulju 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputati b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba taghhom u taghthom zmien xieraq biex jekk riedu, setghu regghu lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni taghhom giet registrata fl-atti ta’ din il-kawza fl-istess seduta tas-sebgha (07) ta’ Lulju 2014.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li r-reati in kwistjoni jirrisalu ghall-elfejn u tmienja sal-elfejn u ghaxra, illi l-imputati kkooperaw bis-shih mal-Pulizija u fil-fatt hafna mir-reati huma ta’ portata *de minimis* u gew solvuti proprju minhabba l-informazzjoni moghtija lilha mill-imputati. Illi hafna mir-res furtiva giet ritornata lill-Prosekuzzjoni sabiex tigi ritornata lil sidha u minkejja li din il-kawza ilha pendenti aktar minn erba’ snin l-imputati rregistraw ammissjoni fl-ewwel opportunita moghtija lilhom u cioe’ fil-prezentata ta’ llum 7 ta’ Lulju 2014.

In oltre l-Prosekuzzjoni ddikjarat ukoll li l-imputati llum qed jahdmu b’mod regolari salv u bl-eccezzjoni ghall-imputat Christian Mercieca li mhux qed jahdem minhabba dizabilita’ li sofra f’incident awtomobilistiku u ghalhekk f’dawn ic-cirkostanzi sabiex l-imputati

jinzammu fit-triq it-tajba li huma qabdu thoss li ghandha tigi mposta probation order fuqhom bil-ghan li l-imputati jinzammu fuq din it-triq il-boghod mill-kriminalita.

Il-Qorti rat illi l-passat tal-imputati hija wahda differenti u ghalhekk il-piena li sejra terroga din il-Qorti sejra wkoll tirrifletti f'dan l-istat ta' fatt.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe' l-Artikoli 18, 49, 50, 261(b)(c)(f)(g), 280(2) u 289 tal-Kapitolu 9, u l-Artikolu 21(1) u (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputati JOHN MIZZI, EMANUEL DEGABRIELE, JEAN PAUL SANT, CHRISTIAN MERCIECA hatja tal-akkuzi u tiddeciedi li tpoggihom taht Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tliet snin mil-lum skond l-ordni annessa.**

**Oltre dan il-Qorti thoss illi fil-konfront ta' Emanuel Degabriele minhabba li huwa gie akkuzat li kiser Ordni ta' Probation kif moghtija lilu f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-16 ta' Ottubru 2008 hija sejra wkoll tikkundannah ihallas multa ta' erba' mitt ewro (€400) liema multa ghandha tithallas fi tliet rati mensili u konsekuttivi l-ewwel pagament dovut mhux aktar tard mit-2 ta' Awissu, 2014 u dan ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan il-Qorti thoss illi fil-konfront ta' John Mizzi minhabba li huwa gie akkuzat li kiser Ordni ta' Probation kif moghtija lilu f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-30 ta' Lulju 2008 hija sejra wkoll tikkundannah ihallas multa ta' erba' mitt ewro (€400) liema multa ghandha tithallas fi tliet rati mensili u konsekuttivi l-ewwel pagament dovut mhux aktar tard mit-2 ta' Awissu, 2014 u dan ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan il-Qorti thoss illi fil-konfront ta' Jean Paul Sant minhabba li huwa gie akkuzat li kiser Ordni ta' Probation kif moghtija lilu f'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-30 ta' Lulju 2008 u in vista tal-fatt li kien minuri meta sehhew ir-reati odjerni hija sejra wkoll tikkundannah ihallas multa ta' mitejn u hamsin ewro (€250) liema multa ghandha tithallas fi tliet rati mensili u konsekuttivi l-ewwel pagament dovut mhux aktar tard mit-2 ta' Awissu, 2014 u dan ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Il-Qorti tordna illi isem l-imputat Jean Paul Sant ma jigi registrat fl-ebda mezz tax-xandir stante li kien minuri meta kkommetta r-reati in kwistjoni.**

**Il-Qorti tordna illi kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u l-Parole sabiex jigi nominat kandidat idoneju ta' Probation Officer biex jiehu hsieb kull imputat. Tordna wkoll illi tinghata kopja lill-imputat probationer stess.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din is-sentenza flimkien mal-atti kollha tal-process jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D**

**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**Spettur Chris Pullicino**

**V**

**JOHN MIZZI**

**EMANUEL DEGABRIELE**

**OMISSIS**

**JEAN PAUL SANT**

**CHRISTIAN MERCIECA**

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 7 ta' Lulju 2014**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuni **JOHN MIZZI,** ta' 19-il sena iben Herman u

Theresa nee' Hart, imwieled Pieta' nhar l-14 ta' Mejju, 1990 u residenti Block B, Flat 15, Triq ic-Cikas, Housing Estate, Zabbar u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 246090(M); **tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-

Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata;

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

……………………………

**……………………………..**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**Spettur Chris Pullicino**

**V**

**JOHN MIZZI**

**EMANUEL DEGABRIELE**

**OMISSIS**

**JEAN PAUL SANT**

**CHRISTIAN MERCIECA**

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 7 ta' Lulju 2014**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuni **EMANUEL DEGABRIELE** ta' 20 sena, iben Peter u

Marianne nee’ Camilleri, mwieled Pieta’ nhar it-12 ta’ Awissu 1989, u residenti Block 4, Flat 3, Triq Luigi Pisani, Kalkara detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 517289M; **tigi mpoggija taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta’ tlett (3) snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

1. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

2. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata;

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

……………………………..

**……………………………..**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**Spettur Chris Pullicino**

**V**

**JOHN MIZZI**

**EMANUEL DEGABRIELE**

**OMISSIS**

**JEAN PAUL SANT**

**CHRISTIAN MERCIECA**

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 7 ta' Lulju 2014**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuni **JEAN PAUL SANT** ta' 17-il sena, iben Joseph u

Theresa nee’ Hart, imwieled Pieta’ nhar id-29 ta’ Frar 1992, residenti 49, Morning Dew, Triq l-Ewwel ta’ Frar 1994, Zabbar detentur tal-karta ta’ identita’ bin-numru 129192M; **tigi mpoggija taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta’ tlett (3) snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta’ tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata;

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

……………………………

……………………………..

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**

**Spettur Fabian Fleri**

**Spettur Chris Pullicino**

**V**

**JOHN MIZZI**

**EMANUEL DEGABRIELE**

**OMISSIS**

**JEAN PAUL SANT**

**CHRISTIAN MERCIECA**

**ORDNI TA' PROBATION**

**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta]**

**Seduta ta' llum, 7 ta' Lulju 2014**

Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuni **CHRISTIAN MERCIECA**, 20 sena, iben Emanuel u

Mary Grace nee' Portelli, imwieled Pieta' nhar l-24 ta' Awissu 1989, residenti Binja L, Entratura C, Flat 6, Housing Estate, Zabbar detentur tal-karta ta' identita' bin-numru 440089M; **tigi mpoggija taht Ordni ta' Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta' dan l-Ordni ta' probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta' din l-istess Ordni;

**Tordna lil persuna imputata titqieghed taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull sitt xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata;

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------